MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' April, 2006

Talba Numru. 1683/2002

**Western Company Limited**
**vs**
**Josephine Reeves u b'degriet tat-Tribunal tad-9 ta' April 2003 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta' James Reeves u b'degriet tas-17 ta' Frar 2004 Dr Anthony Cutajar LL.D gie nominat kuratur sabiex jirraprezenta lill-assenti James Reeves.**

Numru
Talba Numru 1683/2002

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' sitt mija sebgha u disghin lira Maltija u

hamsa u disghin centezmu (Lm697.95) import ta’ hmistax il-kambjala ta’ Lm46.63 kull wahda li mmaturaw fit-30 ta’ kull xahar bejn Marzu 2001 u Mejju 2002, b’l-imghaxx u l-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha qalet li n-negozju sar ma zewgha James Reeves u mhux maghha; li n-negozju sar kontra l-volonta taghha; li l-kambjaliet huma nulli u bla effett stante li mhux minnu li l-konvenuta iffirmat dawk il-kambjali fis-17 ta’ Jannar 2001 u stante li l-unika karti ffirmati minnha kienu fis-sena 1999 taht pressjoni ta’ theddid minn zewgha; u li hija mhux il-legittimu kontradittur.

Ra r-risposta l-Avv Dr Anthony Cutajar kuratur deputat nominat biex jirraprezenta l-assenti James Reeves li permezz taghha qal li mhux edott mill-fatti.

Ra x-xhieda ta’ Carmel Bianchi, Carmelo Richard, John Sultana u l-Avv Dr Malcolm Pace.

Ra d-dokumenti esebieti u l-kambjali in kwistjoni.

Ra l-verbal ta’ l-udjenza mizmuma fit-12 ta’ Jannar 2006 fejn l-Avv Dr Anthony Cutajar iddikjara li m’ ghandux provi.

Ra li f’l-ahhar tlett udjenza mizmuma l-konvenuta naqset li tidher u naqset ukoll li tressaq il-provi taghha.

Ra l-verbal ta’ l-udjenza tas-16 ta’ Frar 2006 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu.

Ikkunsidra

Illi din hija kawza ghall-hlas ta’ sitt mija sebgha u disghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm697.95) import ta’ hmistax il-kambjala ta’ Lm46.63 kull wahda liema kambjali kollha mmaturaw ghall-hlas.

Il-kambjali gew iffirmati mill-konvenuta Josephine Reeves waqt iz-zwieg taghha ma' James Reeves li f'dawn il-proceduri huwa rapprezentat mill-kuratur deputat l-Avv Dr Anthony Cutajar.

Il-konvenuta ghamlet diversi allegazzjonijiet dwar il-kambjali inkluz in-nullita taghhom stante l-vjolenza subita minnha; il-konvenuta allegat ukoll li l-kambjali kienu relatati ma' negozju li hi ma kelliex x'taqsam mieghu.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li azzjoni kambjarja hija ndipendenti mill-causa obligationis li minhabba fiha l-kambjala tkun giet mahruga. Id-debitu kkostitwit f'kambjala huwa tali mhux ghax hemm obbligazzjoni pre-ezistenti imma ghaliex id-debitur iffirma l-kambjala (ref Antoine Vassallo vs James Anthony Cefai – Appell Civili Inferjuri 16.03.05).

Huwa pacifiku ukoll li "l-azzjoni kambjarja hija azzjoni awtonoma u dak li ghandhu jigi rigwardat f'azzjoni simili huwa bhala regola r-relazzjoni bejn it-traent u t-trattarju kif emergenti minn wicc il-kambjala stess (ref United Acceptance Finance Limited vs Mario Grech – Appell 06.10.2000).

Principji ohra stabbiliti huma li l-eccezzjonijiet li kienu ta' natura personali ghall-possessur u li allura setghu joriginaw minn-negozju li ta' lok ghall-hrug tal-kambjala u li setghu idewmu d-determinazzjoni ta' l-azzjoni kambjarja kellhom jigu skartati (ref Adrian Busietta vs Marco Attard – Appell 09.02.2001).

Pero hemm eccezzjonijiet partikolarment dawk dwar il-vizzju ta' kunsens minhabba dolo jew vjolenza li ghandhom jigu ezaminati ghaliex altrimenti l-Qorti tkun qed tiffavorixxi lil min ikun agixxa dolozament, u ghalhekk l-provi dwar l-allegat vjolenza jinstemaw fl-istess gudizzju fejn tigi mitluba l-adempjenza ossia l-hlas tal-kambjala (ref Vassallo vs Cefai op cit u l-iskorta ta' sentenzi hemm citati).

Fil-kaz in ezami fir-risposta taghha l-konvenuta allegat il-vizju tal-kunsens minhabba vjolenza. Pero l-konvenuta ma resqet l-ebda prova f'dawn il-proceduri. Tenut kont ta' dan in-nuqqas, t-Tribunal ma jistax ma jaccettax il-kambjali esebieti bhala prova sufficjenti tal-kreditu favur is-socjeta attrici.

Il-kambjali in kwistjoni gew iffirmati mill-konvenuta waqt iz-zwieg taghha ma James Reeves u konsegwentement meta kienet veljanti bejniethom il-komunjoni ta' l-akkwisti. Konsegwentement l-obbligazzjoni naxxenti minn dawn l-kambjali tinkombi fuq iz-zewg konjugi Reeves in solidum.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sitt mija sebgha u disghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm697.95) b'l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------